**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0063/2023**

9.3.2023

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, id-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI, 2002/584/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI, 2009/829/ĠAI u 2009/948/ĠAI, u d-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja
(COM(2021)0760 – C9-0450/2021 – 2021/0395(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

(Proċedura b'kumitat konġunt – Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

Rapporteur: Emil Radev, Marina Kaljurand

PR_COD_1amCom

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........8

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........9

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, id-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI, 2002/584/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI, 2009/829/ĠAI u 2009/948/ĠAI, u d-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (COM(2021)0760 – C9-0450/2021 – 2021/0395(COD))**

**(Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0760),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 81(2), il-punti (e) u (f) u l-Artikolu 82(1), il-punt (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0450/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0063/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 323, 26.8.2022, p. 77.

**Emenda 1**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Għall-finijiet tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali b'implikazzjonijiet transfruntiera, l-atti legali tal-Unjoni li jipprevedu l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu kkomplementati b'kondizzjonijiet għat-twettiq ta' tali komunikazzjoni permezz ta' mezzi diġitali. | (3) Għall-finijiet tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali b'implikazzjonijiet transfruntiera, l-atti legali tal-Unjoni li jipprevedu l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu kkomplementati b'kondizzjonijiet għat-twettiq ta' tali komunikazzjoni permezz ta' mezzi diġitali ***b'tali mod li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kif previst fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, speċjalment dawk minquxa fit-Titolu VI u fl-Artikolu 47 dwar id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali. Jenħtieġ li dawn il-kundizzjonijiet bl-ebda mod ma jimminaw il-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali li huma essenzjali għall-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet fundamentali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.*** |

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)**
Deċiżjoni Qafas 2009/829/ĠAI
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Fl-Artikolu 9, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"(3a) L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tuża s-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) .../... [Regolament dwar id-Diġitizzazzjoni], biex tipprovdi lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru*** |

***ta' eżekuzzjoni:***

***a) bl-informazzjoni meħtieġa biex tippermetti lill-persuna rikjesta tqabbad avukat fl-Istat emittenti f'konformità mal-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2013/48/UE, u tapplika għal għajnuna legali fl-Istat emittenti f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2016/1919/UE;***

***b) bil-prova materjali li tappoġġa t-talba għal kooperazzjoni transfruntiera fi żmien dovut qabel is-smigħ permezz ta' vidjokonferenza jew ta' teknoloġija tal-komunikazzjoni oħra mill-bogħod, mingħajr preġudizzju għall-proċedura stabbilita fil-Artikolu 15, il-paragrafu (2).***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | |
|---|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, id-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI, 2002/584/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI, 2009/829/ĠAI u 2009/948/ĠAI, u d-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja | |
| **Referenzi** | COM(2021)0760 – C9-0450/2021 – 2021/0395(COD) | |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 2.12.2021 | |
| **Kumitati responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>17.1.2022 | LIBE<br>17.1.2022 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Emil Radev<br>20.4.2022 | Marina Kaljurand<br>20.4.2022 |
| **Artikolu 58 – Proċedura b'kumitat konġunt**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | 10.3.2022 | |
| **Eżami fil-kumitat** | 12.5.2022 | 26.10.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 1.3.2023 | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 79<br>0<br>1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Pascal Arimont, Malik Azmani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Patricia Chagnon, Caterina Chinnici, Ilana Cicurel, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Ibán García Del Blanco, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Maria-Manuel Leitão-Marques, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Karen Melchior, Nuno Melo, Maite Pagazaurtundúa, Sabrina Pignedoli, Karlo Ressler, Diana Riba i Giner, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Yana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Axel Voss, Marion Walsmann, Jadwiga Wiśniewska, Lara Wolters, Javier Zarzalejos | |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, Loucas Fourlas, Heidi Hautala, Beata Kempa, Philippe Olivier, Catharina Rinzema, Dragoş Tudorache, Petar Vitanov, Tomáš Zdechovský, Juan Ignacio Zoido Álvarez | |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Gheorghe Falcă, Jean-François Jalkh, Petra Kammerevert, Katrin Langensiepen, Marisa Matias, Martina Michels, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Eleni Stavrou, Mick Wallace, Bernhard Zimniok, Kosma Złotowski, Milan Zver | |
| **Data tat-tressiq** | 9.3.2023 | |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 79 | + |
|---|---|
| ECR | Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska, Kosma Złotowski |
| ID | Susanna Ceccardi, Patricia Chagnon, Jean-François Jalkh, Philippe Olivier, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche, Bernhard Zimniok |
| NI | Sabrina Pignedoli |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Pascal Arimont, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Gheorghe Falcă, Loucas Fourlas, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Nuno Melo, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Karlo Ressler, Sara Skyttedal, Eleni Stavrou, Tomas Tobé, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Milan Zver |
| Renew | Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Ilana Cicurel, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Karen Melchior, Maite Pagazaurtundúa, Catharina Rinzema, Ramona Strugariu, Yana Toom, Dragoş Tudorache |
| S&D | Katarina Barley, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Ibán García Del Blanco, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Petra Kammerevert, Łukasz Kohut, Maria-Manuel Leitão-Marques, Juan Fernando López Aguilar, Birgit Sippel, Petar Vitanov, Lara Wolters |
| The Left | Clare Daly, Marisa Matias, Martina Michels, Mick Wallace |
| Verts/ALE | Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Gwendoline Delbos-Corfield, Heidi Hautala, Alice Kuhnke, Katrin Langensiepen, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 1 | 0 |
|---|---|
| NI | Milan Uhrík |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni